

- tannulla d-deċiżjoni tas-26 ta' Lulju 2019 bir-referenza numru R/213/19 li tiċħad it-talba tiegħu għal assistenza;
- tordna lill-Awtorità tal-Ħatra li tiegħu kwalunkwe miżura ta' trasferiment ta' natura li tneħħi lir-rikorrent mid-DĠ EAC bl-osservanza tal-grad filwaqt li tosserva l-lokalizzazzjoni effettiva tal-impjieg fi Brussell sabiex tevita kull preġudizzju tal-familja jew dak privat;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas ammont provviżorju ta' EUR 13 018 bħala danni u interessi bħala kumpens għad-dannu materjali u ta' EUR 250 għal kull jum li jkun għadda bejn l-1 ta' Frar 2018 u d-data tal-għoti tas-sentenza li għandha tingħata bħala kumpens għad-dannu morali;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha tal-istanza konformement mar-Regoli tal-Proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinwoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-“Regolamenti tal-Persunal”), tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' premura. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent isostni li l-Kummissjoni ċaħdet it-talba tiegħu għal assistenza, li hija ma wettqet l-ebda miżura investigattiva u li hija pproċessat it-talba tiegħu bil-mod, b'mod burokratiku u b'mod inadegwat.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, sa fejn il-Kummissjoni kellha tikklassifika l-fatti li fformaw il-bażi tat-talba għal assistenza bħala fastidju.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7 tar-Regolamenti tal-Persunal. Ir-rikorrent jikkritika lill-Kummissjoni li ma osservatx il-bilanċ neċessarju bejn l-interess tas-servizz u l-interess tal-uffiċjal ikkonċernat.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 270 TFUE u tal-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent isostni li l-Unjoni għandha l-obbligu li tikkompensa d-danni kkawżati lill-persunal tagħha minn kull illegalità mwettqa fil-kapaċità tagħha bħala persuna li timpjega mingħajr ma jkun neċessarju li tintwera l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju. Issa, skont ir-rikorrent, il-fatti li jiffurmaw il-bażi tat-talba għal assistenza huma illegalitajiet imwettqa fil-kapaċità ta' persuna li timpjega u għalhekk jobbligaw lill-Unjoni li tikkompensah għad-danni materjali u dawk mhux materjali, jiġifieri l-ispejjeż għal assistenza medika u ġuridika kif ukoll is-sofferenza li ġarrab matul il-perijodu kontenzjuż.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, minħabba li l-proċeduri relatati ma' talba għal trasferiment jitolbu, minħabba n-natura tagħhom, deċiżjoni malajr.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ottubru 2019 – FF&GB vs EUIPO (ONE-OFF)

(Kawża T-707/19)

(2019/C 413/75)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: FF&GB Srl (Mantova, l-Italja) (rappreżentant: M. Locatelli, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea ONE-OFF – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 933 041.

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Awwissu 2019 fil-Każ R 239/2019-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiddikjara li t-trade mark ONE-OFF tista' tiġi rreġistrata bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea għall-prodotti fil-klassijiet 18 u 25 kif indikati fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 933 041;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż ta' dawn il-proċedimenti.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-prinċipju ta' koerenza u ugwaljanza fit-trattament.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Ottubru 2019 – GW vs Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea

(Kawża T-709/19)

(2019/C 413/76)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: GW (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)

Konvenuta: Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tat-22 ta' Mejju 2019 tal-Qorti tal-Awdituri li tiċħad it-talba għal riferiment lill-Kumitat tal-Invalidità sabiex tiġi kkonstatata l-evoluzzjoni tal-istat ta' saħħitha u sabiex jiġu stabbiliti l-kontrolli mediċi wara t-tqegħid taħt stat ta' invalidità;
- tikkundanna lill-Qorti tal-Awdituri għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 15 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, minħabba li dan l-artikolu jipprevedi biss il-possibbiltà għall-istituzzjoni, u mhux l-obbligu, tal-eżami b'mod perijodiku ta' uffiċċjal li jibbenefika minn allokazzjoni ta' invalidità sabiex jiġi żgurat li dejjem ikun jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jibbenefika minn din l-allokazzjoni.